MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 522/1986/1

Salvatore Spiteri
vs
Paolo Borg, David Mallia u Edwin Borg

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur biha ppremetta:

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Gunju, 1983 l-attur kien gie kanonizzat kreditur tal-konvenut Paolo Borg fis-somma ta' Lm3467.50 dovuta bhala kera ghall-perjodu mill-1 ta' Mejju, 1976 sal-1 ta' Mejju, 1979 u b'sentenza ohra tal-istess data, l-attur kien gie kanonizzat kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' Lm3285 bhala kera dovuta ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 1979 sal-1 ta' Mejju 1982, liema kera fiz-zewg kawzi kienet dovuta mill-konvenuti tal-

kumpless kummercjali maghruf bhala Gardens Night Club f'San Giljan.

Illi in segwitu kienu saru diversi pagamenti akkont ta' dawn iz-zewg krediti kanonizzati, pero` qatt ma kien sar pagament ghas-saldu.

Illi l-attur kien il-proprjetarju ta' nofs indiviz tal-kumpless fuq imsemmi, u ghalhekk kien intitolat ghall-hlas tan-nofs tal-kera stipulat.

Illi wara dawn iz-zewg sentenzi l-konvenuti kellhom ihallsu lill-attur il-kera tal-istess kumpless ta' negozju ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 1982 sal-1 ta' Novembru 1986, kera dovuta kull sitt (6) xhur bil-quddiem, ammontanti komplessivament ghal Lm5018.75,0 kif kien jidher dettaljatament spjegat fil-prospett anness mac-citazzjoni (Dok A).

Illi l-konvenuti kienu qeghdin jippretendu li kienu hallsu din il-kera dovuta minnhom, billi gieli kienu baghatu xi cheques, liema cheques l-attur qatt ma kien sarraf sabiex ma jippregudikax id-drittijiet tieghu ghall-hlas tal-kera kollu lilu dovuta, u liema pagament permezz ta' cheque ma kienx skond il-ligi.

L-attur talab lill-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' Lm5018.75,0 minnhom dovuti bhala hlas ta' kera tal-kumpless fuq imsemmi ghall-perjodu fuq indikat, bl-imghax kummercjali dovuti fuq kull skadenza tal-kera rispettiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Mallia li eccepixxa:

1. Preliminarjament l-intempestivita` tal-azzjoni billi ma kienet saret ebda interpellazzjoni ghall-hlas pretiz qabel ma kienet giet istitwita l-azzjoni.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz ma kienx dovut billi kienu saru diversi pagamenti u offerti ta' pagamenti permezz ta' cheques (kemm tal-konsulent legali tal-konvenut, u tal-konvenut u wkoll permezz ta' bank drafts) li whud kienu ssarrfu u whud ma kienux issarrfu u dwar dan l-attur qatt ma kien ta risposta jew spjegazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut David Mallia.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Edwin Borg li eccepixxa:

1. Preliminarjament l-intempestivita` tal-azzjoni billi ma kienet saret ebda interpellazzjoni ghall-hlas pretiz qabel ma kienet giet istitwita l-azzjoni.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz ma kienx dovut billi kienu saru diversi pagamenti u offerti ta' pagamenti permezz ta' cheques (kemm tal-konsulent legali tal-konvenut, u tal-konvenut u wkoll permezz ta' bank drafts) li whud kienu ssarrfu u whud ma kienux issarrfu u dwar dan l-attur qatt ma kien ta risposta jew spjegazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Edwin Borg.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Paolo Borg li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament l-intempestivita` tal-azzjoni billi ma kienet saret ebda interpellazzjoni ghall-hlas pretiz qabel ma kienet giet istitwita l-azzjoni.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz ma kienx dovut billi kienu saru diversi pagamenti u offerti ta' pagamenti permezz ta' cheques (kemm tal-konsulent legali tal-konvenut, u tal-konvenut u wkoll permezz ta' bank drafts) li whud kienu ssarrfu u whud ma kienux issarrfu u dwar dan l-attur qatt ma kien ta risposta jew spjegazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Paolo Borg.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet li bih gie nominat Dr. R Pace bhala Perit Legali.

Rat id-digriet tal-11 ta' Mejju, 1992 li bih Dr. Manduca gie nominat bhala Perit Legali in sostituzzjoni ta' Dr. R. Pace.

Rat ir-rapport ta' Dr. Philip Manduca li fih semma:

"Illi l-perit legali ikkunsidra li f'din il-kawza hemm talba ghal kera ghal perjodu bejn l-1 ta' Novembru 1982 u 31 ta' Ottubru 1986.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hi fis-sens li l-azzjoni hi intempestiva billi ma saret ebda talba ghal hlas qabel ma giet istitwita l-azzjoni.

Illi din l-eccezzjoni hi infondata. Illi hu l-obbligu ta' dak li jikri li jhallas il-kera skond il-ftehim. L-artikolu 1554 tal-Kodici Civili jikkonferma dan.

Illi t-tieni eccezzjoni hi fis-sens li sar il-hlas ta' parti mill-ammont dovut permezz ta' cheques, uhud minn dawn issarrfu u whud ma gewx ritornati. Il-konvenuti jsostnu li ghar-rigward ic-cheques li ma ssarrfux huma mhux tenuti jhalsu billi l-attur qatt ma avzahom dwar l-istess.

Illi l-obbligu tal-konvenuti kien li jhallsu l-kera fl-ammont ezatt u fiz-zmien miftiehem.

Illi jirrizulta manifestament li l-konvenuti ma hallsux fil-hin. L-attur ikkonferma bil-gurament li l-konvenuti naqsu li jhallsu regolarment u fil-fatt l-attur gie kanonizzat kreditur tal-istess kera b'zewg sentenzi tal-Qorti datati 7 ta' Gunju 1983.

Illi meta giet prezentata din il-kawza fit-28 ta' Mejju 1986 l-attur kien kreditur tal-konvenuti fl-ammont ta' Lm6752.50 (Lm3467.50 + Lm3285.00) bhala sorte fil-kawzi. Kien hemm ukoll imghax dovut u ghalhekk l-ammont kollu dovut kien Lm7933.81 (ara prospett anness man-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur).

Illi dan il-fatt ma giex kontestat mill-konvenuti fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom.

Illi l-attur kellu d-dritt li jikkredita kull hlas li sar mill-konvenuti ghal spejjes, imghax u sorte tal-kawzi diga decizi.

Illi l-konvenuti jsostnu li "jekk hemm xi cekkijiet li jinsabu f'idejh (f'idejn l-attur) li ma gewx imsarrfin m'ghandux jigi pregudikat l-eccipjent stante li bejn il-partijiet hemm prattika ta' hlas permezz ta' cekkijiet li fil-passat jigu msarrfa".

Illi huwa l-konvenuti li kellhom jippruvaw hlas. Illi jekk jirrizulta li hemm xi cheques mhux imsarrfa dan jista' jkun wiehed mill-konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis l-ispejjez

ta' din il-kawza izda l-ammonti huma dovuti. Il-flus depozitati b'cedola fil-Qorti ghandhom jigu rtirati mill-partijiet sabiex l-attur jithallas tal-ammont dovut lilu.

Illi bhala pagamenti l-attur jghid li l-konvenuti hallsu Lm7649.50. Illi l-konvenuti jghidu li l-attur ircieva Lm7015.50 sal-31 ta' Ottubru 1983. Il-konvenuti jghidu li l-attur ircieva wkoll Lm547.50, Lm638.75, Lm638 dan jaghti total ta' Lm8839.75.

Illi fic-citazzjoni l-attur talab l-ammont ta' Lm5018.75. Illi skond l-attur dan l-ammont ghandu jitnaqqas bl-ammont ta' Lm638.75 (tnaqqis tal-iskadenza ta' 11 ta' Mejju 1986). Ghalhekk l-attur qed jitlob Lm4380 oltre l-imghax (ara "balance at 30/11/1999" fil-prospett esebit mill-attur).

Illi bhala cheques mhux imsarrfa hemm Lm655.75 u c-cedola.

Izda skond il-kalkoli tal-konvenut, l-attur ircieva Lm8839.75 u cioe` Lm1190.25 iktar mill-ammont li qed jghid li rcieva l-attur.

Fil-prospett anness man-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenut il-konvenut jghid li s-segwenti cheques gew moghtija lill-attur izda l-attur ghazel li ma jsarrafhomx:

Lm900 datat 21/3/1985
Lm638.75 datat 12/4/1985
Lm655.75 datat 1/11/1985
Lm638.75 datat 18/11/1985
Lm638.75 datat 29/9/1996
Lm638.75 cedola datata 28/11/1986

Dawn jaghtu total ta' Lm4110.75.

L-attur qieghed jitlob Lm5018.75 – Lm638.75 = Lm4380.

Ghalhekk jirrizulta li hemm bilanc ta' Lm4380 – Lm4110.75 = Lm269.25.

Illi huwa l-konvenuti li jridu jipprovaw il-hlas.

Ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett li l-konvenuti ghandhom jigu ordnati li jhallsu lill-attur l-ammont ta’ Lm4380 b’dan illi l-attur ghandu jirritorna lill-konvenuti c-cheques kolha mhux imsarrfin.

Illi l-attur naqas ukoll meta zamm cheques u ghalhekk l-esponent jissottometti li l-konvenuti ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu l-imghax u li l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:

“l-appellant jilmenta, u f’dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F’okkazjonijiet simili kien hemm gudikati ta’ din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero’ tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b’mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f’dan il-kaz”.

[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 Clive Simpson vs John Saliba noe et]

In vista ta’ dan il-Qorti ezaminat il-provi imressqa quddiem il-Perit Legali u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti. Semghet il-Perit in eskussjoni u qedgha tirriproduci din ***in toto.***

“Naqbel li essendo kienu operazzjonijiet kummercjali hemm l-imghax. Fuq dan ghandi x’nghid li wara li smajt ix-xhieda u wara li rajt id-dokumenti wasalt ghall-opinjoni li bejn il-partijiet kien hemm hafna konfuzjoni, daqqa jibghat ic-***cheque*** u c-***cheque*** ma jintbghatx lura, allura dak li jibghat ic-***cheque*** ma jkunx jaf jekk giex imsarraf jew le u kien hemm tul ta’ zmien fejn ma kinux certi l-partijiet ezatt il-pozizzjoni taghhom allura rragunajt wara li kkunsidrajt kollox li jkun iktar gust li ma jkunx hemm imghax billi dak li kellu jhallas kien jibghat ic-***cheque*** imma dak li kien jircievi minflok jirrifjuta c-***cheque*** kien izomm u kollox jibqa’ fi stat ta’ ha nghid hekk ta’ konfuzjoni bejn il-partijiet.

Mistoqsi jekk fil-fatt kienx ikun hemm il-***bank statements*** biex wiehed ikun jaf cheque issarrafx jew le, nirrispondi li kieku dak li jhallas jiccekkja l-bank statement, nahseb jinduna imma jinduna meta jircievi l-***bank statement*** jigifieri jekk hallas illum u jircievi l-***bank statement*** tliet (3) xhur ohra, jigifieri nahseb fil-process m’hemmx prova li l-konvenuti kienu jiccekkjaw il-***bank statements*** biex jaraw jekk ic-***cheques*** fil-fatt issarfu jew le.

Jekk kienx ikun hemm l-obbligu tad-depositu jekk ***cheque*** jigix imsarraf jew le, jiena nirrispondi li nahseb li huwa l-obbligu tal-konvenut f’dan il-kaz li jipprova jassigura li jhallas. Issa hu kien jibghat ic-***cheque*** u vera bhala fatt ma ddepositahx il-Qorti.

Fuq domanda ta’ Dr Borg Costanzi jekk il-partijiet humiex ***co-owners*** ta’ l-istess propjeta` nirrispondi li iva.

Ma hadtx fil-kalkoli tieghi in konsiderazzjoni l-fatt illi d-depositu ta’ disa’ mija u tnax-il lira (Lm912) meta l-kirja tispicca. Hadt in konsiderazzjoni c-***cheque*** tal-***five hundred and forty seven pounds*** (Lm547) li kien gie msarraf minn Dr Vella.

Nghid illi effettivament jien kont sibt hafna konfuzjoni fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet u kienet veru li jiena hadt linja prattika li qbadt u hadt linja – ghar-rigward l-imghax jigifieri meta kkonkludejt li l-konvenuti m’ghandhomx ihallsu l-imghax hadt din meta kkunsidrajt il-provi kollha li tressqu,

wasalt ghal din il-konkluzjoni li m'ghandhomx ihallsu l-imghax.

Fuq l-ammonti kont hlief ghal ***one nine two*** (Lm192) u l-***five four seven*** (Lm547) ikkunsidrajt l-ammonti kollha li rrizultawli. Fuq dawn iz-zewg ammonti nghid illi l-Lm192 tal-kera niftakar li ma kien hemm l-ebda provi. Il-Lm547 jista' jkun li kien hemm xi ***cheque*** li jiena mmissjajtu, jista' jkun pero` ***I am not sure*** pero` nahseb li la Dr Borg Costanzi qed ighid li hemm prova li qieghed hemm, ghandu jitnaqqas."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi sfortunatament din hi kawza li ila mill-1986 ghalkemm quddiem il-qorti kif presjeduta mill-2003. F'din il-kawza hemm hafna affarijiet kuntradittorji u konfliggenti specjalment jekk cheques gewx imsarrfa. Il-qorti ppruvat taghmel hi stess evalwazzjoni tal-fatti li hargu u tad-dokumenti ezibiti izda finalment kellha tapprezza li l-Perit Legali kellu ragun meta ha l-linja prattika u wasal fuq konkluzjoni ***arbitrio boni viri***. Alla hares kull kawza jkollha it-tahwid ta' din il-kawza.

Il-Qorti wara li qrat il-process ripetutament ma tistax hlief taqbel ma' dak li qal il-Perit Legali li sab hafna konfuzjoni fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet. Hu stqarr li kien ha linja prattika inkluz dwar l-imghax. Ghalhekk meta kkonkluda li l-konvenuti m'ghandhomx ihallsu l-imghax ha din meta kkunsidra l-provi kollha li tressqu.

Il-Qorti thoss li ghandha timxi l-istess mod ***arbitrio boni viri*** u tikkonkludi li –

a. Ma tilqax l-eccezzjoni tal-intempestivita`; il-kera kienet dovuta u missha thallset mill-ewwel ghax kieku kienet tigi evitata din il-kawza; il-konvenuti jippretendu li l-Qorti tippremjahom talli ma adempewx id-doveri taghhom!

b. L-attur ghandu jirritorna lill-konvenuti c-***cheques*** kollha mhux imsarrfin.

c. Taqbel ukoll mal-Perit Legali li l-attur naqas ukoll meta zamm ***cheques*** u ghalhekk l-konvenuti ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu l-imghax.

d. Il-Qorti thoss li l-konvenuti ghandhom jigu ordnati li jhallsu lill-attur l-ammont ta’ Lm4380; [Dwar l-ammont ta’ Lm192 tal-kera il-Perit Legali hass li ma kien hemm l-ebda provi. Dwar l-ammont ta’ Lm547 il-Perit Legali ma kienx cert jekk kienx hemm xi ***cheque*** li seta’ qabzu izda ma kienx cert dwar dan. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx raguni valida biex tbiddel dan l-ammont] u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont ta’ Lm4380.

e. L-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------